MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 435/2009

Avv. Dr. George Hyzler
vs
Paul Falzon

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Dr. George Hyzler li espona:

1. Illi l-intimat irrilaxxja c-*cheque* bankarju numru 132 iffirmat minnu, mahrug fuq il-Bank of Valletta plc, fuq il-kont numru 40014640759, ghall-ammont ta’ ghoxrin elf disa’ mija u sebghin Ewro (€20,970), bid-data tal-25 ta’ Marzu 2009, (kopja vera tac-*cheque* prezentata mar-rikors u immarkata Dok A);

2. Illi dan ic-*cheque* gie ipprezentat darbtejn izda ma giex onorat;

3. Illi l-import ta’ dan ic-*cheque* baqa’ ma thallasx u ghalhekk l-intimat ghadu debitur tar-rikorrent fl-ammont imsemmi;

4. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* ta’ l-Artikolu 167(1)(b) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li s-socjeta` intimata m’ghandhiex difiza xi tressaq kontra t-talbiet segwenti:

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:-

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Art 167(1)(b) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili:

2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta’ ghoxrin elf disa’ mija u sebghin Ewro (€20,970) import ta’ *cheque* bankarju numru 132 iffirmat minnu u mahrug fuq il-Bank of Valletta plc;

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta’ ghoxrin elf disa’ mija u sebghin Ewro (€20,970).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru …………ipprezentat kontestwalment ma’ dina l-procedura u bl-imghax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-25 ta’ Marzu 2009, kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat il-verbal tas-17 ta’ Gunju 2009 (fol 8 tal-process) li minnu jirrizulta li l-Qorti awtorizzat lill-intimat jipprezenta risposta guramentata. Illi ghalkemm awtorizzat, l-intimat

baqa’ ma ipprezenta ebda risposta guramentata u b’hekk baqa’ kontumaci.

Gie prezentat affidavit ta’ Dr. George Hyzler li fih issemma li c-*cheque* bankarju numru 132 iffirmat min Paul Falzon, mahrug fuq il-Bank of Valletta p.l.c. fuq il-kont numru 40014640759, ghall-ammont ta’ €20,970 u bid-data tal-25 ta’ Marzu 2009, sal-lum ma giex imsarraf.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk hemm lok li l-Qorti tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Art 167(1)(b) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u peress li t-talbiet tar-rikorrent jidhru gustifikati l-Qorti filwaqt li qed tilqaghhom, qed tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta’ ghoxrin elf disa’ mija u sebghin Ewro (€20,970) import ta’ *cheque* bankarju numru 132 iffirmat minnu u mahrug fuq il-Bank of Valletta plc.

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ ghoxrin elf disa’ mija u sebghin Ewro (€20,970).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru, u bl-imghax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-25 ta’ Marzu 2009, kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------